# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Ahmed Tarek Migiref FTIS**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 29 ta' Jannar, 2016 fil-konfront ta` Ftis Ahmed Tarek Migrief ta' 37 sena iben Tarek Migrief u Fatima Mahmudi, imwieled il-Libja nhar it-8 ta' Ġunju, 1976, detentur ta' Refugee document 16462/13 u residenti ġewwa ċ-ċentru ta' l-Immigranti, f'Ħal Far fejn ġie mixli talli f'xi ħin bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2014 filgħodu ġewwa "Kurrajong Thom", Triq Tal-Ġebel, Birżebbugia (in suċċint) : -

(1) Ikkommetta serq kwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-lok u bil-ħin a detrminet ta' Anthony Samuel Charles Foote u Lisa Jane Wells jew persuni oħra;

(2) Volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor;

(3) Li sar reċidiv permezz ta' diversi sentenzi li saru finali u konklussivi skont l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi matul is-seduta tad-29 ta' Jannar 2016 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat għall-Għajnuna Legali Dr. Patrick Valentino kien tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li l-Qorti kompliet bis-smiegħ tax-xiehda u baqgħet tirċievi dokumenti u dan skont diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 20 ta' Settembru 2017, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront tal-imputat :

(a) fl-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 266, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(d) fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

u għalhekk iddeċieda li kif maħsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minn din il-Qorti u b'hekk taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul is-seduta tat-18 t'Ottubru 2017 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

Rat li matul l-istess seduta, il-Qorti ordnat li tiġi moqrija n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju fir-rigward tal-imputat;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, assistit mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Carmelo Mifsud Bonnici staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

1. ***Ir-reati li bihom ġie mixli l-imputat mil-Prosekuzzjoni***

***1.a. Is-Serq kwalifikat***

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li :

(a) kien hemm serqa ta' diversi effetti mobbli mill-fond imsemmi fil-komparixxi;
(b) li din is-serqa kienet ikkwalifikata bil-mezz, in kwantu biex daħal fil-fond il-malvivent jew malviventi qattgħu xibka li żżomm l-insetti milli jidħlu ġewwa u kisru l-ħġieġ ta' tieqa tal-aluminjum li kienet isservi biex tagħlaq u daħlu fil-fond minn din it-tieqa; filwaqt li kien hemm il-purtelli esterni miftuħin;
(c) li s-serqa kienet kwalifikata bil-lok in kwantu l-fond minn fejn seħħet is-serqa kien iservi ta' dar t'abitazzjoni għall-koppja

Anthony Samuel Foote u Lisa Jane Wells, li pero fil-mument tas-serqa ma kienux qegħdin fil-fond de quo;

(d) li s-serqa kienet kwalifikata bil-valur in kwantu l-valur tal-istess effetti mobbli derubati ġie stmat li jiswa' għaxart elef sebgħa mija sitta u disgħin euro (€10,796) skont ir-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph M. Micallef; mentri meta xehed *viva voce* Anthony Foote, huwa eżebixxa prospett aktar dettaljat fejn indika li l-valur tar-*res furtiva* kien inkrimenta ruħu għal ħdax il-elf, tmien mija tliet u disgħin euro (€11,893).

Mill-banda l-oħra ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li din is-serqa seħħet bil-lejl jiġifieri bejn inżul u tlugħ ix-xemx in kwantu din is-serqa setgħet saret bejn is-18:15 tal-10 ta' Settembru 2014 u t-08:00 tal-għada l-11 ta' Settembru 2014. Dan huwa l-perjodu tal-ħin bejn li Maria Lourdes Zahra l-aħħar li ħarġet u l-ewwel li daħlet f'dawn iż-żewġt dati rispettivi. Hija tikkonferma li kienet ħalliet il-fond mingħajr mittiefes u msakkar dakinhar tal-10 ta' Settembru 2014 fil-għaxija filwaqt li sabitu vjolat kif imsemmi fix-xiehda l-għada fil-għodu għall-ħabta tat-08:00 meta rritornat lura.

Illi dan huwa perjodu fejn il-ħin tas-sajf jippermetti li x-xemx titla' għall-ħabta tas-06:45 u tinżel għall-ħabta ta' 19:15 – u dan huwa *res ipsa loquitur* – fatt magħruf lil din il-Qorti mill-esperjenza tagħha. B'hekk peress li f'dan il-perjodu ta' ħin mhux possibbli li jiġi determinat jekk is-

serqa kienetx seħħet meta kienet niżlet ix-xemx jew meta kienet telgħet ix-xemx l-għada. Għalhekk ma jistax jingħad li ġie soddisfaċentement ippruvat li din is-serqa kienet kwalifikata wkoll bil-ħin.

### *1.b. ħsara volontarja fuq il-proprjeta ta' terzi*

Il-Prosekuzzjoni ippruvat ukoll lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li min daħal fil-fond de quo għamel dan billi qatta' x-xibka ta' kontra l-insetti u kisser ħġieġa tat-tieqa tal-*aluminium* sabiex aċċeda fil-fond u setgħa jisraq. Il-kwistjoni f'dan il-każ hija li l-valur tal-ħsara kienet ġiet stabbilita mill-espert tekniku Joseph M. Micallef fir-relazzjoni tiegħu bħala li tissubentra fil-parametri imsemmija mill-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali li huwa jikkwota bħala li jaqra li : -

> Jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69), imma jkun iżjed minn mija u sittax il-Ewro u sebgħa u erbgin ċenteżmu (€116.47)

Issa dan jidher li kien jirreferi għall-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali kif kien qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XXIV tal-2014 li daħlu fis-seħħ bl-Artikolu 41 tal-Att li ġie fis-seħħ fl-14 t'Awissu 2014 bis-saħħa tal-Avviż Legali 275 tal-2014. Ir-reat seħħ bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2014. Għalhekk l-Artikolu li kellu jkun invokat kellu jkun dak deskritt skont il-parametri stabbiliti bil-Liġi kif emendata u mhux skont il-Liġi kif kienet qabel ma ġiet emendata. Ladarba l-Liġi daħlet fis-seħħ **qabel** il-kommissjoni tar-reat, kellha tiġi kwotata l-Liġi kif mibdula u mhux il-Liġi l-antika.

Dan il-fatt ġie komplikat aktar billi fl-20 ta' Settembru 2017 l-Avukat Ġenerali għażel li jixli lill-imputat bl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali li, fil-Liġi kif emendata, jipprovdi għal parametri ta' valuri tal-oġġett danneġġjat u ta' pieni li huma differenti minn dawk li kien jipprovdi l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali qabel tali emendi. F'Settembru 2014 l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali ġie jaqra hekk:-

> jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar.

Il-prova tal-valur toħroġ prinċipalment mir-relazzjoni teknika ta' Micallef. Jekk l-Avukat Ġenerali mexa' ma' dak kontenut fir-relazzjoni tal-espert tekniku Micallef u l-konklużjonijiet tal-Maġistrat Inkwirenti, allura l-Artikolu li kellu jikkwota kellu jkun l-Artikolu 325(1)(c) u mhux 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu ma hemmx prova li l-valur kien differenti minn dak stabbilit mill-espert tekniku fir-relazzjoni tiegħu.

Dan ifisser li din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni skont kif prospettata mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu in kwantu bil-provi eżistenti fil-proċess, għal massimu l-Avukat Ġenerali kellu jixli lill-imputat bir-reat taħt l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali u mhux l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali kif fil-fatt sar.

2. ***Il-każ tal-Prosekuzzjoni kontra l-imputat bħala l-awtur tal-allegat serq kwalifikat.***

Jifdal għalhekk il-kwistjoni l-aktar importanti u ċjoe jekk l-imputat kienx dak, jew wieħed minn dawk li wetqu s-serqa *de quo*. L-imputat ma xehedx. Iżda fiż-żewġ stqarrijiet li huwa rrilaxxja tirriżulta ċaħda kompleta u totali tiegħu li huwa qatt kien fuq il-post jew li resaq lejn il-post minn fejn seħħet is-serqa.

Ix-xiehda okulari f'dan il-każ ma jistgħux jgħidu min kien l-awtur tas-serqa għax ma rawħx. Ma hemmx xhieda okulari u l-evidenza diretta hija karenti għal kollox. L-evidenza li għandha l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ hija waħda indiretta, ċirkostanzjali, konsistenti prinċipalment fir-relazzjonijiet tal-Aġenti tal-Pulizija membri tat-Taqsima tal-Forensika fosthom fotografija minn PS36 Sergio Azzopardi kif ukoll, aktar importanti minn hekk ir-relazzjoni ta' PC650 Justin Tabone li eleva impronta minn fuq il-frame tat-tieqa imkissra minn fuq in-naħa esterna ta' din it-tieqa. Magħquda ma dawn il-provi hemm ukoll ir-relazzjoni teknika ta' Joseph Mallia li għamel l-eżami komparattiv bejn il-*lifter* reġistrat bħala dokument 14 CFG 301 u kampjun tal-impronti diġitali li kien ġie elevat minn dan l-espert matul il-kors tal-inkjeta maġisterjali kondotta mill-ġja Maġistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera kif ukoll l-istqarrijiet tal-imputat.

L-espert Joseph Mallia kkonkluda li l-impronta li tidher żviluppata u elevata permezz ta' dan il-*lifter* reġistrat bħala dokument 14 CFG 301, ġiet pożittivament ikkomparata u kienet iddikjarata identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Ahmed Tarek Migiref Ftis u li kien detentur tad-dokument tar-Refuġjati numru 16462/2013.

Huwa interessanti li l-imputat jiċħad kategorikament li huwa resaq jew mess dik it-tieqa. Anzi huwa jtenni li qatt ma daħal f'dik id-dar fejn saret is-serqa jew saħansitra resaq ġewwa r-reċint jew wara l-*gate* ta' dik id-dar. Huwa sostna li l-impronta diġitali misjuba ma kienetx tiegħu. Biss huwa ma kienx estraneju għal dik iz-zona minħabba li huwa kien jgħaddi minn dik it-triq ta' spiss biex imur Birżebbuġa bil-mixi biex jixtri jew jagħmel qadi ieħor.

Il-prova xjentifika tgiddeb dak li stqarr l-imputat. Din il-Qorti hija moralment konvinta li r-riżultanzi tal-Forensika u tal-espert tekniku huma korretti u ma għandha ebda prova li xi ħadd setgħa għamel azzjoni ta' frameup kontra tal-imputat. Il-provi juru li l-imputat kien fuq il-post fejn seħħet is-serqa u hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat mess lil din it-tieqa fuq in-naħa ta' barra tagħha b'idejh ix-xellugija skont kif tixhed l-impronta diġitali tiegħu misjuba.

Jibqa' l-fatt li din l-impronta instabet fuq in-naħa tal-*frame* tat-tieqa tal-*aluminium* li jagħti għal fuq barra. Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar kemm tali prova ċirkostanzjali setgħet tkun determinanti biex l-imputat mhux biss ikun imqiegħed fil-post fejn seħħet is-serqa, iżda li jiġi misjub ħati ta' din is-serqa f'dan il-każ, prinċipalment in bażi għal din il-prova ċirkostanzjali.

Dak li kien determinanti għall-konklużjoni tal-Qorti kienet il-prova li toħroġ ukoll mill-faxxiklu fotografiku eżibit fl-atti. Mir-ritratti eżibiti jirriżulta li l-impronta instabet fuq in-naħa ta' barra tal-*frame* tat-tieqa de quo : fuq it-tebqa leminija tagħha jekk tħares lejn din it-tieqa minn ġewwa l-kamra; li pero tiġi t-tebqa xellugija tagħha meta tħares lejn it-tieqa min naħa ta' barra d-dar. Din it-tieqa innifisha kienet tinfetaħ il-ġewwa fil-kamra u mhux il-barra. B'hekk meta persuna tkun trid tiftaħ din it-tieqa minn ġewwa hi tkun triq tiġbed din it-tebqa tat-tieqa l-ġewwa lejha. Mill-banda l-oħra min ikun irid jiftaħ din it-tieqa minn barra jkun irid jimbuttaha l-ġewwa; ċjoe jiġi li jkun irid jimbotta din it-tebqa fuq in-naħa tax-xellug tiegħu il-ġewwa. Għalhekk tiġi naturali għal dak li jkun li biex jimbotta din it-tebqa x-xellugija, juża l-id ix-xellugija biex jimbotta din it-tieqa l-ġewwa in kwantu din tiġi favur idejn dak li jkun. Inoltre, il-livell ta' fejn instabet l-impronta diġitali fuq il-*frame* estern tat-tieqa jidher li kien eżatt fil-livell ta' fejn min ikun irid jitbaxxa u jidħol minn barra l'ġewwa jiġi biex jimbotta. Fil-fatt l-impronta diġitali li ġiet imqabla pożittivament mal-imputat kienet dik

magħmula mis-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Ahmed Tarek Migiref Ftis u tinstab fuq dik il-parti tat-tebqa tat-tieqa li raġonevolment riedet tiġi imbuttata l-ġewwa fil-kamra biex tkun tista' tinfetaħ.

Fattur ċirkostanzjali ieħor li huwa wkoll determinanti biex ikun jista' jiġi konkluż li l-imputat mhux biss mess din it-tieqa iżda wkoll li kien dak li wettaq dan biex jisraq mill-fond de quo huwa l-fatt li kif jidher b'mod parikolari mir-ritratt dokumentat 14 CFG 105, din it-tieqa tal-aluminium kellha xibka ta' kontra l-insetti installata fuq in-naħa ta' barra tagħha b'mod li jidher li kien fiss u mhux faċilment tista' tinqala minn postha. Min ikun qiegħed fuq barra u jħares lejn din it-tieqa, l-ewwel li jara u jsib hija din ix-xibka ta' kontra l-insetti u mhux it-tbieqi ta' din it-tieqa tal-*aluminium*. Għalhekk dak li jkun qiegħed fuq barra u jkun irid imiss il-*frame* tat-tieqa tal-*aluminium* l-ewwel isib din ix-xibka quddiemu tgħattilu l-aċċess għal din it-tieqa. B'hekk sabiex min ikun fuq barra jirnexxielu li jmiss il-*frame* tat-tieqa tal-*aluminium* huwa jrid jew ikun neħħa din ix-xibka ta' kontra l-insetti jew inkella jqattagħha biex ineħħi din l-għata u jkun jista' imbagħad imiss il-*frame*.

Dan ir-ritratt juri biċ-ċar li biex il-malvivent irnexxielu jaċċedi għal din it-tieqa tal-*aluminium* u jkisser il-ħġieġa tat-tebqa x-xellugija tat-tieqa tal-*aluminium* hekk kif kien qiegħed iħares lejha minn barra, huwa ried, u effettivament qatta', din ix-xibka. Fil-fehma tal-Qorti din ix-xibka ssaħħaħ it-teżi tal-Prosekuzzjoni kontra tal-imputat għax biex instabet l-

impronta diġitali tiegħu fuq il-*frame* tat-tieqa, huwa ried li l-ewwel ineħħi jew iqatta' din ix-xibka. Fil-fatt qattagħha. U min sejjer iqatta xibka sempliċiment biex imiss *frame* estern ta' tieqa tal-*aluminium* u daqshekk? Aktar u aktar meta din it-tieqa tiġi misjuba bil-ħġieġa imkissra u miftuħa l-ġewwa u minn dak il-fond imbagħad ikun irriżulta li nsterqu diversi effetti mobbli?

Għalkemm l-imputat ma kienx obbligat li jitkellem jew jixhed, jibqa' l-fatt li meta huwa rrilaxxja l-istqarrijiet lil Pulizija huwa ma provdiex spjegazzjoni raġonevoli ta' kif l-impronta diġitali tiegħu setgħet spiċċat mal-*frame* estern tat-tieqa tal-*aluminium* de quo. Il-Qorti tħossha konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dawn il-provi ċirkostanzjali magħquda maċ-ċaħda tal-imputat li huwa qatt mar fuq il-post jew wara l-*gate* tal-fond in kwistjoni, huma suffiċjentement univoċi biex fuqhom tkun tista' tikkonkludi li l-imputat kien dak li mhux biss mess it-tieqa iżda wkoll li wettaq is-serqa jew almenu kien wieħed minn dawk li wettqu din is-serqa.

### 3. *L-Addebitu tar-reċidiva*

Il-Prosekuzzjoni addebitat ir-reċidiva lill-imputat u preżentat tliet sentenzi awtentikati bħala prova għall-fini tar-reċidiva. Hija biss sentenza waħda li tista' tagħmel stat għall-fini ta' dan l-addebitu in

kwantu kienet ingħatat qabel id-data tal-allegat reat ta' serq kwalifikat, u ċjoe dik mogħtija minn din il-Qorti nhar is-6 ta' Lulju 2013 per Maġistrat Dottor Carol Peralta. Issa minn qari ta' din is-sentenza jirriżulta li l-imputat huwa riferit bħala ***Ahmed Tarek Migref***. Fis-sentenza ma hemm ebda riferenza għall-numru ta' karta ta' identita, passaport, reġistrazzjoni ta' refuġjat jew ta' protezzjoni umanitarja jew ta' xort'oħra. L-Uffiċjal Prosekutur f'dik il-kawża, illum l-AC Michael Mallia ma xehedx biex jikkonferma l-identita tal-imputat. B'hekk din il-Qorti ma tistax tqis li l-addebitu tar-reċidiva ġie debitament pruvat.

Mill-banda l-oħra is-sentenzi l-oħra eżibiti, li fihom hemm il-konnotati jixbħu lil dik tal-imputat u aktar importanti minn hekk xi forma ta' numru t'identifikazzjoni, irriżulta li kienu ingħataw **wara** li ġie kommess ir-reat ta' serq kwalifikat imputat f'dan il-każ u għalhekk ma humiex rilevanti għall-fini tal-addebitu tar-reċidiva u dan peress li l-artikolu 49 jiddeskrivi persuna bħala reċidiva hekk :

> Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.

# ***DEĊIDE :***

Wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu hawn fuq imsemmija u ċioe' fl-Artikoli 17, 31, 49,

50, 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 266, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2), 281, 289, 325(1)(b), 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-raġunijiet premessi, qegħda ssib lill-imputat Ahmed Tarek Migiref FTIS, mhux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda mhux bil-kwalifika tal-ħin. Illi in kwantu tal-piena il-Qorti tikkundannah għal perjodu ta' **sentejn priġunerija.**

Finalment stante li matul il-kors ta' din il-kawża kien hemm esperti nominati il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż peritali kollha riżultanti minn dan il-każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**Mogħtija illum is-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).**

***Aaron M. Bugeja***